# Q O R T I  Ċ I V I L I
## (Sezzjoni tal-Familja)

## ONOR. IMĦALLEF
## ROBERT G. MANGION

**Illum 10 ta' Lulju 2018**

Rikors Ġuramentat Nru. 273 / 17RGM

Kawża fil-lista: 19

**C T**
**vs**
**Y T gja R;**
**l-Avukat Josette Sultana u l-Prokuratur Legali Helen Valenzia li permezz ta' digriet datat 24 ta' Jannar 2018 gew mahtura bhala kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-assenti X R; u**
**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat pprezentat mill-attrici li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

1. Illi r-rikorrenti beda relazzjoni ma' Y T gja R fis-sena 2016 u minn liema relazzjoni kellhom tarbija bl-isem A li twieldet fit-tmienja (8) ta' Frar tas-sena elfejn u sbatax (2017);

2. Illi kif jidher mic-certifikat tat-twelid tal-minuri il-konvenut X R huwa mnizzel bhala l-missier naturali tat-tifla minuri A;

3. Illi omm il-minuri ilha separata de facto minn ma' zewgha X R mis-sena 2010 izda ottjeniet id-divorzju minn ma' zewgha X R gewwa Belgrade s-Serbja fil-11 ta' Lulju 2016 u fil-fatt hija zzewget lir-rikorrenti hawn Malta fit-2 ta' Mejju 2017;

4. Illi kif ser jirrizulta waqt is-smiegh u t-trattazzjoni ta’ din il-kawza, il-missier naturali tal-minuri mhux il-konvenut X R izda r-rikorrenti C Pirsani;

5. Illi dan huwa kkonfermat ukoll minn Y T gja R li hija omm il-minuri;

6. Illi r-rikorrenti ghandu nteress illi tigi dikjarata l-paternita' reali tal-minuri A;

7. Illi huwa fl-ahjar interess tal-minuri illi tigi stabbilita l-paternita' reali tal-minuri;

8. Illi l-paternita' tal-minuri A tista' tigi determinata u ppruvata permezz ta' provi genetici;

9. Illi r-rikorrrenti jaf b'dawn il-fatti personalment;

10. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Ghaldaqstant, jghidu ghalhekk il-konvenuti ghaliex dina l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:-

1. Tiddikjara okkorrendo bl-opera ta' esperti nominati minn din l-Onorabbli Qorti, illi l-missier naturali tal-minuri A R huwa l-attur C T u mhux il-konvenut X R u dan ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi;

2. Tordna l-korrezzjoni fl-att tat-twelid bin-numru ta' iskrizzjoni 1360 tas-sena 2017 tal-imsemmija minuri A billi jigu kkancellati, minn kull fejn jinsabu mnizzla fl-istess att tat-twelid, il-konnotati kollha tal-konvenut X R, u l-istess jigu sostitwiti bid-dettalji tal-missier naturali, u senjatament bid-dettalji ta' l-attur C T mwieled Pieta' Malta, fl-10 ta' Awwissu 1982;

3. Tordna li kunjom il-minuri A jigi korrett u minflok il-kunjom "R" jigi indikat il-kunjom "T" kull fejn hemm referenza ghalih fl-att tat-twelid fuq imsemmi.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku li taqra kif gej:-

1. Illi preliminarjament l-attur ma ddikjarax abbazi ta' liema artikolu fil-ligi huwa qed isejjes l-azzjoni odjerna. Ghaldaqstant l-esponenti hija tal-umli fehma

illi l-attur ghandu jiddikjara dan, salv li bil-permess ta' din l-Onorabbli Qorti l-esponenti tirriserva d-dritt taghha li tissolleva eccezzjonijiet ulterjuri u dan jekk dejjem ikun il-kaz;

2. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti hija tal-umli fehma illi ghall-intergrita' tal-gudizzju l-minuri A ghandha tkun parti mill-kawza u rapprezentata minn kuraturi ad litem skont Artikolu 781, 782 u 783 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Illi bla hsara ghas-suespost, l-esponenti qed tassumi illi din l-azzjoni qed issir ai termini tal-Artikolu 77A tal-Kodici Civili. F'kaz li ssir dikjarazzjoni mill-attur li tali azzjoni qed issir fil-fatt ai termini ta' dan l-artikolu, mill-atti li gew notifikati lill-esponenti jidher li hemm nieqsa l-awtorizzazzjoni mehtiega ai termini ta' l-Artikolu 77C tal-Kodici Clivili;

4. Illi minghajr pregudizzju ghal premess u fil-mertu, l-esponenti tiddikjara li m'hijiex edotta mill-fatti kif gew mnizzla mill-attur fir-rikors guramentat u ghaldaqstant tirrimetti ruhha ghar-rizultanzi processwali u kif ukoll ghas-savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti;

5. Illi maghdud mal-premess, l-attur esebixxa r-rapport ta' testijiet genetici li jindika li huwa proprju l-missier naturali tal-minuri A R, liema rapport huwa ukoll mahluf minn Dr Marisa Cassar;

6. Illi f'kaz illi din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tal-atturi l-esponenti tistieden lil C T, sabiex jipprezenta d-dettalji personali tieghu, permezz ta' nota li tispecifika senjatament (1) in-numru tal-karta tal-identita', (2) ismu u kunjomu, (3) l-eta' tieghu meta twieldet il-minuri, (4) il-post tat-twelid tieghu, (5) il-post ta' residenza tieghu meta twieldet l-imsemmija minuri, (6) isem u kunjom ta' missieru u (7) jekk l-imsemmi missier patern kienx ghadu haj meta twieldet il-minuri. Tali informazzjoni hija mehtiega biex tigi eventwalment inserita fl-Att tat-Twelid tal-minuri;

7. Illi di piu' f'kaz li jintlaqaw it-talbiet tar-rikorrenti, l-esponenti tirrileva illi l-partijiet kontendenti ghandhom ukoll jiddeciedu b'mod definittiv liema kunjom ghandha tassumi l-minuri a tenur tal-Artikolu 92 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

8. Illi subordinatament u dejjem bla hsara ghas-suespost, f'kaz li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tal-attur, huwa importanti li l-kelmiet 'the said' li jinsabu qabel isem X R, senjatament taht il-kolonna u fir-ringiela fejn hemm indikati t-taghrif dwar l-omm ghandhom ukoll jigu kkancellati mill-Atti tat-Twelid tal-minuri A R bin-numru progressiv 1360 / 2017;

9. Illli finalment l-esponenti tissottometti li fi kwalunkwe kaz, l-azzjoni odjerna m'hijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir tal-esponenti u ghaldaqstant huwa m'ghandhiex tigi assoggettata ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

10. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrent li qieghed minn issa ingunt in subizzjoni.

Rat l-affidavit ta' X R, ta' Y T, ta' C T u ta' Dottor Marisa Cassar annessi mar-rikors guramentat;

Rat ir-risposta tal-konvenuti kuraturi li ddikjaraw li f'dan l-istadji ma humiex edotti mill-fatti u ghalhekk irriservaw li jipprezentaw risposta fi stadju ulterjuri tal-proceduri jekk ikun il-kaz;

Rat n-nota tal-attur tal-4 ta' Gunju 2018 li maghha annetta c-certifikat tat-twelied tieghu biex fil-kaz li l-Qorti tilqa' t-talbiet tieghu, d-dettalji personali tieghu jigu inseriti fl-att ta' twelid tal-minuri A R;

Rat il-verbal registrat fl-udjenza tas-6 ta' Gunju 2018 fejn gie dikjarat mill-Avukat tal-attur li l-genituri tal-minuri kienu qablu li din tiehu l-kunjom "T" u l-kawza giet differita ghallum ghas-sentenza.

**IL-PROVI.**

**X R,** fl-affidavit tieghu tat-30 ta' Gunju 2017,[1] iddikjara li hu zzewweg lil Y R xebba Paunkovic fl-4 ta' Gunju 2005. Wara xi snin ir-relazzjoni taghhom bdiet tiddeterjora u fil-11 ta' Settembru 2010 bdew jghixu separati minn xulxin. Minn dakinhar qatt ma rrikonciljaw u qatt ma kellhom kuntatt fiziku. Y marret tghix Malta u hu baqa' jghix fis-Serbia. Huma ddivorzjaw fil-11 ta' Lulju 2016. Y welldet tarbija f'Malta, bl-isem A fit-8 ta' Frar 2017. Hu ddikjara li mhux missier t-tarbija billi hu ma kellu l-ebda intimita' sesswali ma' Y minn meta sseparaw f'Settembru 2010. Hu ghalhekk iddikjara li l-minuri ma ghandhiex ikollha kunjomu izda ghandu jkollha kunjom il-missier biologiku li hu C T (ID numru 432682M) li joqghod 'Corellia', A. Caligari Street, Zabbar, ZBR 2805 Malta.

**Y T,** fl-affidavit taghha mahluf fid-19 ta' Dicembru 2017,[2] iddikjarat li hi ta' nazzjonalita' Serba u li fl-4 ta' Gunju 2005 izzewget lil X R f'Belgrade, Serbia. Ir-relazzjoni taghhom intemmet f'Settembru 2010, bdew jghixu separati minn

[1] Fol 11.
[2] Fol 16.

xulxin u minn dak iz-zmien ma kien hemm l-ebda relazzjonijiet sesswali bejniethom.

Saret taf lil C T permezz tal-Facebook u eventwalment f'Gunju 2015 bdiet relazzjoni mieghu. F'Novembru 2015 C T mar is-Serbia fejn ltaqghu ghal-ewwel darba u minn hemm kompliet tizviluppa r-relazzjoni taghhom. Fit-2 ta' Mejju 2016 giet tghix f'Malta u wara ftit harget tqila. C T hu il-missier naturali tat-tarbija.

Id-divorzju ma ' zewgha X R gie konkluz fis-Serbia fil-11 ta' Lulju 2016.
Fit-8 ta' Frar 2017 welldet lit-tifla A u meta marret ma' C T biex jirregistraw it-twelid tat-tarbija gew infurmati li kellhom jaghtuha kunjom zewgha, li kellu jkun indikat bhala l-missier naturali tat-tarbija billi ma lahqux ghaddew 300 gurnata minn meta iddivorzjaw.

Fit-2 ta' Mejju 2017 hi u C T zzewgu f'Malta.

Saru t-testijiet genetici u minnhom irrizulta li C T hu l-missier naturali tal-minuri A u ghalhekk iddikjarat li ghandha ssir korrezzjoni fl-att tat-twelid taghha li tkun tirrifletti l-verita'.

**C T**, fl-affidavit tieghu mahluf fid-19 ta' Dicembru 2017,[3] iddikjara li sar jaf lil Y R permezz ta' Facebook fis-sena 2015 u f'Novembru tal-istess sena, mar jiltaqa' maghha fis-Serbia fejn kienet tirrisjedi. Fit-2 ta' Mejju 2016 Y R giet Malta u bdiet tghix mieghu u wara ftit harget tqila. Ghalkemm Y kienet ilha s-snin separata 'de facto' id-divorzju ma' zewgha gie ffinalizzat fil-11 ta' Lulju 2016. Fit-8 ta' Frar 2017 Y welldet lill-binthom A, izda meta marru biex jirregistraw t-twelid taghha gew infurmati li billi ma lahqux ghaddew 300 gurnata mid-data tad-divorzju sad-data tat-twelid tat-tarbija, fuq ic-certifikat kellu jigi indikat bhala missier t-tarbija l-ex ragel ta' Y.

Fit-2 ta' Mejju 2017 hu u Y zzewgu fir-Registru taz-Zwigijiet, il-Belt Valletta. Saru t-testijiet genetici u minnhom irrizulta li l-minuri hi bintu u mhux bint X R u ghalhekk hu tal-fehma li ghandhom isiru il-korrezzjonijiet fl-Att ta' twelid tat-tifla li jirriflettu il-verita'.

Dottor Marisa Cassar, fl-affidavit taghha mahluf fis-27 ta' Novembru 2017,[4] iddikjarat li gabret il-kampjuni orali ta' Y T, ta' A R u ta' C T sabiex isiru t-testijiet tad-DNA u minn dawn t-testijiet rrizulta li C T hu l-missier naturali ta' A R. Hi annettiet r-rapport taghha mal-istess affidavit.

---

[3] Fol 17.
[4] Fol 18.

**KONSIDERAZZJONIJIET.**

Skont l-**Artikolu 77A tal-Kap 16,** rikors ghal dikjarazzjoni ta' parentela, kull min jghid li huwa genitur naturali ta' wild mwieled fiz-zwieg, jista' jipprocdi quddiem il-Qorti kompetenti b'rikors guramentat kontra il-konjugi li wiled, il-konjugi l-iehor u l-wild, sabiex huwa jigi dikjarat bhala l-genitur naturali tal-wild, u dan kemm-il darba jipprova li bejn it-tlett mitt gurnata u l-mija u tmenin gurnata qabel it-twelid tal-wild, l-konjugi li welled kien wettaq adulterju mieghu, u barra minn hekk jipprova fatt iehor li jistghu jkunu t-testijiet u provi genetici u xjentifici li x'aktarx jeskludu lill-konjugi l-iehor bhala genitur naturali tal-wild.

Fil-kaz in ezami rrizulta li Y T giet Malta fit-2 ta' Mejju 2016 u ftit wara harget tqila. Ghalkemm kienet ilha separata 'de facto' minn zewgha X R minn Settembru 2010, id-divorzju taghhom gie ffinallizat fil-11 ta'Lulju 2016.

Fit-8 ta' Frar 2017 Natasia T welldet lit-tifla A. Dan iffisser li meta harget tqila kien ghall-habta ta' Mejju 2016 meta kienet ghadha mizzewga lil X R.

Irrizulta mit-testijiet genetici li C T hu il-missier naturali tal-minuri A, u rrizulta ukoll li ma hemm l-ebda kontestazzjoni mill-istess X R dwar d-dati kif indikati mill-istess C T u Y T.

It-talbiet attrici ghalhekk jirrizultaw ippruvati u jimmeritaw li jigu milqugha.

**DECIDE.**

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed taqta' u tiddeciedi l-kawza u tiddisponi mir-risposti guramentati tal-konvenuti Direttur u l-kuraturi depuati ghall-assenti konformement ma' dak hawn deciz billi:

1. Tilqa' l-ewwel talba tal-attur u tiddikjara, ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi, li l-attur C T hu l-missier naturali tal-minuri A R u mhux il-konvenut X R;

2. Tilqa' t-tieni talba tal-attur u tordna l-korrezzjoni fl-att tat-twelid tal-minuri A, bin-numru ta' iskrizzjoni 1360 tas-sena 2017 billi jigu kkancellati l-isem, il-kunjom u l-konnotati kollha tal-konvenut X R kull fejn jidhru fl-imsemmi att tat-twelid u jigu sostitwiti bl-isem, il-kunjom u l-konnotati kollha tal-attur C T mwieled Pieta' Malta fl-10 ta' Awwissu 1982;

3. Tilqa' t-tielet talba tal-attur u tordna li l-kunjom tal-minuri A jigi korrett billi minnflokk il-kunjom 'R' jigi indikat il-kunjom 'T' fl-imsemmi att tat-twelid;

4. Tordna li l-kliem "the said" jigu kancellati minn fuq l-att tat-twelid tal-minuri.

Bl-ispejjez kontra l-attur u l-konvenuta Y T.

**Imhallef** **Deputat Registratur**